MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 677/2010

**Dr. Alison Vassallo (ID 419280(M) a nom u in rappresentanza tas-socjeta` TBS Denizcilik Urunleri Dis Ticaret A.S.**

**vs**

**Il-bastiment "PROTI"**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Alison Vassallo noe datat 6 ta' Lulju 2010, fejn bil-gurament taghha tikkonferma: -

Illi s-socjeta` rikorrenti hija "Bunker Supply Company" illi toffri s-servizzi taghha gewwa t-Turkija.

Illi fix-xhur ta' April u Mejju 2010 is-socjeta` rikorrenti ssuplixxiet diversi *bunkers* lill-bastiment intimat kif indikat mill-*"Bunker Delivery Receipts"* mmarkat "AV 1".

Illi dawn il-provvisti ta' *bunkers* kollha gew accettati mill-kaptan tal-bastiment hekk kif indikat mill-firma tal-istess kaptan kif ukoll mis-sigill tal-bastiment li gie stmpat fuq dawn l-ircevuti.

Illi hekk kif huwa indikat mill-*invoices* mahruga mis-socjeta` rikorrenti lis-sidien tal-bastiment intimat u cioe` Chem-Say Shipping Ltd Inc Panama, bejn l-4 ta' April 2010 u t-28 ta' Mejju 2010 (markat "AV 2"), dawn il-provisti jammontaw ghal mija u sebgha u disghin elf u tmien mitt Dollaru Amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (USD 197,800.27) ekwivalenti ghal circa mija u sittin elf u disa' mija u ghoxrin ewro (€160,920), *oltre* l-imghax stipulat mill-istess *invoices.*

Illi fis-16 ta' Gunju 2010 ir-rikorrenti *nomine* talbet il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar kawtelatorju kontra l-bastiment intimat waqt illi dan kien jinsab Malta sabiex tikkatela l-interessi taghha kontra l-istess bastiment, liema mandat kawtelatorju gie milqugh mill-Onorabbli Qorti fl-istess jum (kopja tal-Mandat anness u mmarkat "AV 3").

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti *nomine* titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikajra illi s-socjeta` rikorrenti hija l-kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta' mija u sebgha u disghin elf u tmien mitt Dollaru Amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (USD 197,800.27) ekwivalenti ghal circa mija u sittin elf u disa' mija u ghoxrin ewro (€160,920), *oltre* l-imghax stipulat mill-istess *invoices* kif ukoll l-imghax legali rappresentanti *bunkers* pprovduti mis-socjeta` rikorrenti lill-bastiment konvenut.

2. Tiddeciedi li l-bastiment konvenut huwa responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` rikorrenti ta' din is-somma ta' mija u sebgha u disghin elf u tmien mitt Dollaru

Amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (USD 197,800.27) ekwivalenti ghal circa mija u sittin elf u disa' mija u ghoxrin ewro (€160,920), *oltre* l-imghax stipulat mill-istess *invoices* kif ukoll l-imghax legali.

3. Tordna lill-bastiment konvenut ihallas lis-socjeta` rikorrenti din is-somma ta' mija u sebgha u disghin elf u tmien mitt Dollaru Amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (USD 197,800.27) ekwivalenti ghal circa mija u sittin elf u disa' mija u ghoxrin ewro (€160,920), *oltre* l-imghax stipulat mill-istess *invoices* kif ukoll l-imgahx legali.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-noti tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-bastiment intimat li naqas li jipprezenta risposta guramentata u hekk baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimat bastiment tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat bastiment.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------